**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' April, 2016**

Talba Numru: 91/2016JB

Kawza Numru: 9

**Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited (C 8692)**

***vs***

**George Fenech (K.I.: 812651M) u Margaret Rose Fenech (K.I.: 681551M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-15 ta' Marzu 2016 li permezz tieghu is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elf mija u zewg euro (€1,102) liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-Socjeta Attrici lill-Konvenuti. Talbu wkoll l-ispejjez tal-ittra ufficcjali numru 259/2016 u l-imghaxijiet mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-11 ta' April 2016 (a fol 5);

Ra l-verbal tas-seduta tal-11 ta' April 2016 (a fol 10) fejn il-Konvenuti, debitament notifikati, talbu li jikkontestaw il-kawza;

Ra li l-Konvenuti, laqghu ghal din il-kawza billi nhar l-14 ta' April 2016 ipprezentaw risposta (a fol 11) li permezz taghha eccepew dan li gej:

1. Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi l-ammont reklamat huwa imhallas u ebda ammont ghalhekk mhu dovut mill-intimati lis-socjeta rikorrenti;

2. Illi di fatti, is-sistema kienet illi d-*delivery man* kien jikkonsenja l-merkanzija lill-intimati, l-ewwel xoghol fil-ghodu, ihalli d-*delivery note* u imbaghad izjed tard kien jghaddi s-*salesman* u l-intimati kienu jhallsu jew in kontanti jew permezz ta' *cheques* iggirati u jiffirmalhom li l-hlas sar, kif gara fil-kaz odjern.

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra;

Illi l-odjerna kawza tirrigwarda fattura (a fol 12) dwar kunsinna li saret mis-Socjeta Attrici lill-Konvenuti fi Frar 2011. Il-valur tal-kunsinna kien ta' elf mija u hamsa u ghoxrin (€1,125). Jidher li fil-25 ta' Frar 2011 kien inqata' pagament ta' tlieta u ghoxrin euro (€23) kontra din il-fattura biex baqa' bilanc ta' €1,102. Izda imbaghad, fuq il-kopja tal-fattura li hemm f'idejn il-Konvenuti, is-*salesman* Dylan Cassar kiteb "Paid" u ffirma. Min-naha taghhom il-Konvenuti jghidu li huma hallsu u li l-kitba tirrifletti s-sewwa; l-Atturi jghidu li din il-kitba saret bi zball.

Issa mhemmx dubju li l-kitba fuq il-fattura minn id is-*salesman* ghandha certu valur probatorju. Jekk xejn, in omagg mal-massima li *contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur*. Madankollu dan il-principju mhuwiex assolut u jaghti lok ghal eccezzjonijiet. Fis-sentenza tas-26 ta' Mejju 1952 fl-ismijiet "Morana *vs* Spiteri *et*", il-Qorti tal-Appell sostniet li bhala regola mhumiex ammissibbli provi testimonjali kontra l-miktub pero` irriteniet li din mhijiex regola assoluta u ma tapplikax f'dawk il-kazi fejn l-att miktub jigi impunjat minhabba simulazzjoni. Lanqas ma hija applikabbli meta jkun jidher li l-kontraenti ghamlu kuntratt biex ighattu kuntratt iehor li realment riedu jaghmlu u meta l-Qorti tkun perswaza li jkun sar zball fil-kuntratt. Il-Qorti tal-Appell kienet irriteniet li dan il-principju jibqa` jsehh sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza illi hemm, zball fil-kuntratt jew li thalla barra xi patt ghal xi raguni specjali.

L-eccezzjonijiet ghal din ir-regola mhumiex xi haga ta' zminijietna. Il-Qorti tal-Kummerċ fis-sentenza taghha tat-3 ta' Jannar 1898 fl-ismijiet "Gollcher *vs* Gollcher"[1] dwar reza konti fejn gew sussegwentement allegati zbalji, irriteniet illi:

> se l'attrice dimostri che nel conto vi sono errori, ommisioni, falsita' o duplicazioni di partite, le sarebbe lecito rilevare e farle correggere; perche se le convenzioni delle parti sono autorevoli, e' piu autorevole ancora la verita' dei fatti – *veritas rerum erroribus gestarum non vitiatur*.

Mhemmx dubju li sabiex dawn il-principji jigu applikati ghall-kaz odjern, jehtieg li t-Tribunal iqis il-provi prodotti.

Ikkunsidra;

Meta xehdet il-Konvenuta (a fol 17) din spjegat kif kienu jaghmlu l-ordnijiet. Tghid li l-fatturi kienu jithallsu jew in kontanti jew bil-gîra ta' *cheques* li kienet tircievi. Tghid li ghaliha l-konsenja mertu tal-fattura *de quo* hija mhallsa ghaliex fuqha nkiteb "Paid". Tghid li wara din il-fattura nhargu ohrajn u thallsu fil-waqt li l-ammont tal-fattura *de quo* ma kienx jirrizulta fuq fatturi sussegwenti. In kontro-ezami, il-Konvenuta spjegat li s-somma ta' €23 kienet thallset zejda fuq fatturi precedenti. Kompliet tispjega li l-ircevuti fuq karti apposta kienu jintbaghtu wara u peress li hi kienet il-pagamenti bil-mod li nghad, kienet toqghod fuq dak li tiftiehem mas-*salesmen*.

---

[1] Koll. [1898] XVI.iii.160

Dylan Cassar xehed (a fol 19) u kkonferma li l-kitba "Paid" u l-firma fuq il-fattura a fol 12 huma tieghu. Ikkonferma l-verzjoni tal-Konvenuta dwar il-pagament ta' €23 u zied jghid li kellu jikteb li baqa' bilanc ta' €1,102 u mhux "Paid". Hu jghid li hu qatt ma gabar is-somma ta' €1,102 minghand il-Konvenuti. Jinsisti li mill-fattura hu kien gabar biss is-somma ta' €23. In kontro-ezami, Cassar jghid li l-Konvenuti dejjem hallsu mill-ewwel u qatt ma kien hemm kwistjonijiet dwar hlasijiet maghhom.

Marvin Sapiano xehed (a fol 21) u qal li hu *Credit Manager* mas-Socjeta Attrici. Jghid li l-fattura taghmilha cara li l-ebda pagament mhu rikonoxxut sakemm tinhareg ircevuta ufficcjali tal-kumpannija. Jghid li kull meta tkellem mal-Konvenuta din dejjem sahqet li l-fattura kienet giet imhallsa.

Certament li mill-verzjonijiet kuntrastanti li ghandu quddiemu t-Tribunal, irid jiddeciedi liema wahda hi l-aktar attendibbli a bazi ta' bilanc ta' probabilitajiet. Il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Tonna *vs* Philip Azzopardi" deciza fit-12 ta' April, 2007 irriteniet li fis-sistema taghna, ir-regoli l-aktar prevalenti dwar il-provi jidher li huma dawn:

> Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (*reus in excipiendo fit actor*).[2]
>
> Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta'.[3]
>
> Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti a bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;

Naturalment, il-valutazzjoni tal-provi tmiss lill-gudikant li ghandu d-diskrezzjoni li japprezza r-rizultanzi probatorji u li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli.

Fil-kaz odjern madankollu, wiehed irid iqis li l-proceduri odjerni qeghdin jittiehdu quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar u ghalhekk huma regolati, principalment, bid-dispozizzjonijiet tal-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380). Skond id-dispozizzjonijiet tal-imsemmi Att, fil-waqt li t-Tribunal huwa marbut bid-dettami tal-gustizzja naturali, "*għandu jitgħarraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-aħjar prova jew dwar xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk ikun sodisfatt li x-xiehda li jkollu quddiemu tkun biżżejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqtal-każ li jkun qed jittratta*."[4] Fuq kollox, it-Tribunal huwa kostrett li jiddeciedi t-talbiet li jkollu quddiemu skond l-ekwita'.[5]

---

[2] *Vide* f'dan is-sens "Francesca Mallia *vs* Salvatore Guillaumier" deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Jannar, 1962 (Koll. XLVI.i.5)
[3] *Vide* f'dan is-sens "Joseph Zammit *vs* Joseph Hili" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju, 1953 (Koll. XXXVII.i.577)
[4] Art. 9(2)(b) tal-Kap. 380
[5] Art. 7(1) tal-Kap. 380

Ikkunsidra;

Illi fil-kaz odjern jidher bic-car li l-hlasijiet da parti tal-Konvenuti lis-Socjeta Attrici kienu jsiru b'mod xejn ortodoss fejn kienu jigu ggirati *cheques* jew isiru pagamenti f'kontanti. Jidher li din il-prassi kienet madankollu accettabbli ghas-Socjeta Attrici. It-Tribunal ezamina bir-reqqa d-dokumenti li gew prezentati u ma jistax jislet xi konkluzjonijiet logici li jistghu facilment jirrisolvu l-vertenza. Per ezempju, fil-waqt li skond il-fattura a fol 23, din kellha tithallas mal-konsenja (*Cash on Delivery*), il-fatturi a fol 25 u 26 kellhom terminu ta' hmistax-il jum biex jaghlqu. Il-fattura mertu tal-kawza a fol 12 imbaghad kienet taghlaq wara tletin jum. Il-prezenza tal-kelma "Paid" fuq il-fatturi jidher li hija prassi u tirrizulta wkoll, minbarra fuq il-fattura mertu tal-kawza a fol 12, anke fuq il-fatturi a fol 25 u 26. Ghalhekk din ma kienetx xi haga ta' darba u l-argument ta' Sapiano li l-prova tal-hlas trid tkun fuq ircevuta ufficcjali tal-kumpannija, minkejja dak li hemm stampat fuq il-fattura, ma jregix.

It-Tribunal ghalhekk huwa kostrett jillimita ruhu max-xhieda li xehedu quddiemu tal-Konvenuta u ta' Cassar. Minn apprezzament tax-xhieda jidher li l-Konvenuta hija konvinta li l-pagament in kwistjoni sar. Hija dejjem sahqet dan il-fatt li hu anke kkonfermat minn Sapiano. Mill-banda 'l ohra, ma ngiebet ebda prova li ttiehdu xi passi da parti tas-Socjeta Attrici dwar il-fattura mertu tal-kawza. Certament li t-trapass taz-zmien jimmilita kontra s-Socjeta Attrici. Bhalma jimmilita wkoll kontriha il-fatt li Cassar qieghed jittenta jiggustifika l-mankanza ta' azzjoni fuq l-allegat zball billi jghid li ftit taz-zmien wara ma baqax jahdem mas-Socjeta Attrici biex imbaghad jistqarr li l-"ftit taz-zmien" kien mas-sentejn wara!

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal ma jqisx li gie ppruvat sal-grad li trid il-ligi li l-kitba "Paid" fuq il-fattura mertu tal-kawza saret bi zball u kwindi mhemmx lok sabiex it-Tribunal imur kontra l-miktub. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-Konvenuti tirrizulta ppruvata.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi fil-waqt li jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Konvenuti, jichad it-talba attrici. Spejjez ikunu a karigu tas-Socjeta Attrici.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*